

# L-Artal ta' Sant'Antnin fil-knisja San Nikola



minn Lorenzo Zahra

Il-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola hija għanja fl-għożża ta' Relikwi ta' Qaddisin Martri. Dan għaliex tippossiedi Relikwi ta' 4 Korpi Martri. Dawn wieħed isibhom fl-Artali ta' Sant'Antnin f'tar-Rużarju f'dak tal-Madonna tal-Karmnu u f'dak tal-Kurċifiss u d-Duluri.

Mhux ta' min jinsa li fl-imgħoddi s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa kien isir fuq Artal-Simbolu tal-Oqbra tal-Martri – Wara l-Konċilju Vatikan l-artal ħa l-forma ta' Mejda. Dari kull artal kien ikun fih xi ftit relikwi tal-Martri. Imma f'din il-Knisja hemm relikwi insinji – Ta' għożża kbira – għax huma fdalijiet konsiderevoli fid-daqs. Uħud minn dawn kienu jinġiebu mill-Katakombi u jingħataw isem mela dan ma kienx magħruf.

L-Artali nhar il-festa jkunu miksijja b'ventartali Artistiċi għalhekk ir-Relikwi ma jidhrux.

F'dak ta' Sant'Antnin hemm fdal ta' San Ċelestinu Martri. Dan tqegħid hemm fl-1851 meta Dun Mikel Anġ Azzopardi li kien Prokuratur tal-Artal ħaseb biex jagħmel dan l-Artal bl-irħam. Talab li jagħmlu bħall-oħrajn għas-Simetrija.

Jidher li dan ir-Relikwarju li kien miżmum f'kaxxetta fis-Sagristija kien ingħata lill-Knisja sitt snin qabel (1845) u kien mogħti minn Dun Pietru Pawl Saliba bil-għan li jitqiegħed fl-artal.

Il-Kappillan qabel mat-talba tal-prokuratur Dun M. A. Azzopardi u ressaq it-talba l-Kurja fejn f'Settembru 1851 ġiet approvata b'digriet tal-Isqof.

Ta' min jgħid li l-Korpi Sant f'din il-Parroċċa huma dawk ta' San Vinċenz Martri fl-Artal tar-Rużarju. F'dak tal-Karmnu hemm dak ta' San Kostanz Martri u f'dak tal-Kurċifiss hu ta' San Pio Martri.

L-Artal ta' Sant'Antnin hu mżejjen bħall-Artali l-oħrajn imma nżejjen b'pittura tal-Kompajżan tagħna Ġużè Calì li għamel ukoll dak tal-Karmnu.

Ref. AAM. Sup. Vol. 63/p604


**Int ukoll għandek l-opportunità li tagħti s-servizz tiegħek lill-Komunità.**
**Wettaq xogħol volontarju billi tissieħeb membru**
**fil-Każin Banda San Nikola.**